MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 220/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**Vs**
**John Zammit**
**Kwerela ta' l-Onorevoli Joe Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

A) fix-xahar ta' Marzu 2009 u fix-xhur precedenti, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas mill-gieh ta' l-Onorevoli Joe Mizzi M.P. u persuni ohra, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba w b'disinji;

B) fl-istess perjodu ta' zmien, permezz tal-mezz ta' xandir, immalafama lill-Onorevoli Joe Mizzi M.P. u persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 3 u 11 tal-Kap. 248 u l-artikolu 7(1)(d) u 11(1) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghall-multa ta' elf Euro (€1000).
Rat ukoll l-artikolu 383 tal-Kap. 9 u obbligat lill-appellant ma jimmalafamax u/jew jimmolesta lill-parte civile l-Onor. Joe Mizzi ghall-perjodu ta' sena, taht penali ta' elfejn, tlett mija, disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha in vista tal-premess tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-

L-appellant dejjem sostna d-dritt tieghu tal-liberta' tal-istampa w anke tal-liberta' tal-kelma.
Il-Qrati taghna dan il-principju accettawh u dan fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-bniedem illi jaghmulha cara illi fejn jidhol bniedem politiku u anke bl-agir tieghu fil-qasam privat jista' jkun soggett ghall-kritika, tali kritika ma tistax tintqies ingurjuza w malafamanti. Min jidhol ghall-hajja politika jrid ikun lest, sakemm il-fatti jkunu veri, l-kumment huwa hieles.

Il-fatti kollha f'dan il-process verament jinkwadraw ruhhom minn dan l-aspett. L-appellant bl-ebda mod qatt ma attakka l-hajja privata personali ta' l-Onorevoli Joseph Mizzi. Li attakka w qajjem mistoqsijiet persistenti huwa kif l-Onorevoli Joe Mizzi bidel l-iskema kollha ta' kif kien ippjanat u mibni l-housing estate biex gab struttura monumentali hdejn l-ohrajn kollha. Barra minn hekk, din l-

istruttura manifestament hija “eye sore” hdejn il-bini l-iehor. L-appellant qajjem kwistjonijiet serjissimi dwar l-operat anke tal-MEPA fil-konfront tal-istess Onorevoli Joe Mizzi.

Il-principji tal-libell fic-civil huma l-istess principji li japplikaw fil-kriminal u l-istess ghandu jinghad dwar l-ingurja bil-kitba illi wkoll taqa’ taht il-ligi tal-istampa.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi avolja jidher illi dan il-process hu wiehed volomunuz, ftit li xejn fih sustanza li huwa rilevanti ghal dan il-kaz. Il-parti l-kbira tal-process huwa maghmul minn dokumenti ripetuti ghal tlieta, erba` darbiet konsistneti fotokopji minn siti elettronici ta’ artikli u publikazzjonijiet li jikkoncernaw suggetti li wkoll m’ghandhom x’jaqsmu xejn ma’ dan il-kaz u l-kompitu tal-Qorti gie rez ferm difficli ghat-tfittxija tal-vera lanjanza tal-kwerelant l-Onorevoli Joe Mizzi. Biex taqghad, ix-xhieda ma gietx traskritta w is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma taghti l-ebda hjiel jew informazzjoni dwar verament x’intqal fl-Awla.

Veru illi din il-kawza hija wahda sommarja, pero` kawza ta’ libel illi tinvolvi persuna pubblika fi hdan partit politiku m’ghandhix tigi trattata l-istess bhal kawza ta’ distrett minghajr konsiderazzjonijiet u argumenti legali u kawza bhal din m’ghandhix tigi deciza b’semplici dikjarazzjoni biss ta’ htija o meno, l-kawza “per se” timmerita hafna aktar.

Hu x’inhu, l-appell qieghed fuq il-meritu tal-kaz u mhux dwar il-formalita` w kif giet redatta s-sentenza.

Ghalhekk wara hafna sforz, il-Qorti irnexxielha tasal ghal xi forma ta’ konkluzzjoni dwar il-fatti ta’ dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi kwerelant l-Onorevoli Joe Mizzi huwa membru parlamentari fi hdan il-partit Laburista. Dana

joqghod f'bini tal-Gvern fil-Kalkara u jidher illi l-bini tieghu huwa partikolari ghax ghola aktar minn ta' haddiehor u l-ispazji pubblici fil-qasam residenzjali gew mehuda bi kwantita` kbira ta' qsari li taghhom jiehu hsieb l-istess kwerelant l-Onorevoli Joe Mizzi.

Irrizulta wkoll li l-istess Onorevoli Mizzi jigi prim kugin ta' Michael Cohen, is-sindku ta' Kalkara u l-appellant qieghed jallega illi saret xi forma ta' kolluzzjoni bejn Mizzi u Cohen sabiex jigu pregudikati d-drittijiet tar-residenti l-ohra tal-Kalkara.

L-appellant ukoll ikkummenta dwar il-bini partikolari tal-kwerelant li huwa hafna ghola minn ta' haddiehor u minkejja illi huwa bini governattiv xorta inghata l-permess illi jtellgha sulari ohra tad-detriment tar-residenti l-ohra tal-Kalkara.

L-appellant jidher illi ha din is-sitwazzjoni bhala abbuz privilegjali tal-istess Onorevoli Mizzi, illi bhala persuna pubblika, minn hawn jew minn hemm, jirrnexxielu jgib permessi illi haddiehor fl-istess inhawi residenzjali ma jgibx.

Il-kwerelant kiteb diversi artikli illi gew imqeghda fuq siti elettronici minn terzi persuni.

Il-kwerelant ma jinnegax il-provenjenza ta' dawn l-artikli, fejn fl-istqarrija tieghu a fol. 57 jammetti illi kitibhom hu u li qabbad terza persuna biex jimpusthom fuq “website”.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Mejju 2010 il-Qorti sabet lill-kwerelant hati u kkundannatu ghall-multa ta' elf Ewro (€1000). Minn dik is-sentenza sar dan l-appell li fih, il-kwerelant qieghed jargumenta illi meta si tratta ta' persuna pubblika l-parametri ta' kritika huma aktar wiesgha minn dawk li jirrigwardaw persuna privata. Huwa biss fejn si tratta ta' gideb u rapporti foloz u kummenti dwar il-hajja personali illi huma pprojbiti, sakemm naturalment din il-hajja personali ma tincediex fuq il-hajja pubblika w tirrifletti fuq in-nazzjon.

Persuna fil-parlament ghandha l-immunita` parlamentari izda dana ma jfissirx illi tista` taghmel li trid anki fit-triq.

Il-kwerelant hawnhekk qieghed jaghmel il-kummenti tieghu u jezercita d-dritt ta' espressjoni u ghaliex jidhirlu illi dan l-agir ta' l-Onorevoli Mizzi ghandu jigi ccensurat u kkundannat.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi dan il-kaz mhuwiex limitat ghal bini biss, izda fih kitba sistematika gurnata wara gurnata imqabbad mill-appellant biex isir hsara lill-kwerelant.

L-appellant mhuwiex qieghed jaghmel "fair comment" fuq dawn il-fatti izda iktar qieghed jaghmel "character assasination" biex jaghmel hsara lill-Onorevoli Mizzi.

Il-kummenti illi ghamel l-appellant ma jistghux jitqiesu bhala "fair comment" ghax huma diretti fuq binarji personali u xejn politiku.

Ikkunsidrat :

Illi bl-Att XIV tal-1987 illum Kap. 319 il-Konvenzjoni Ewropea Dwar il-Libertajiet Fondamentali u Drittijiet tal-Bniedem gew inkorporati fl-ordinament guridiku Malti u llum il-Qrati taghna mhux biss iridu jiehdu in konsiderazzjoni dak illi hemm f'dawk l-artikoli tal-Konvenzjoni izda wkoll il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani (Angelo Fenech pro et noe. vs Carmelo Callus et. App. Civili 04.02.1994).

Din il-gurisprudenza kompliet twessa l-kritika ammissibbli kif ukoll il-liberta` ta' espressjoni biex ikun aktar konformi mal-kurrenti demokratici ewropej.

F'dan l-isfond l-appellant korrettament ikwota l-kaz "Lingens vs Austria (1986)" li huwa l-"bench mark" ghal decizjonijiet li fihom jinvolvu kummenti rigward persuni pubblici jew politici. Fost affarijiet ohra din il-kawza qalet "*the limits of acceptable criticism are accordingly wider as*

*regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevidably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalist and public at large .........”* (ara wkoll Oberschlick vs Austria 1991).

Il-Qrati taghna ma qaghdux lura milli josservaw dan l-insenjament u sahhew fuq “il-bilanc illi kellu jkun hemm bejn l-interess ta’ l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita` tal-karattru tieghu u l-interess pubbliku illi jkun infurmat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta’ informazzjoni dwar materji gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika” (Perit Duminku Mintoff vs Joe Brincat et. Qorti Kostituzzjonali 08.01.2001) u ukoll “*the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician than as regards a private individual”* (Vincent Borg vs Victor Camilleri et. App. Civili 08.11.1994).

Hu stabbilit kwindi illi persuna pubblika jew fil-politika ghanda tissaporti kritika ferm aktar gholja minn persuna privata izda tqum id-domanda safejn din il-kritika tista` tinciedi fuq il-hajja privata tieghu.

Ikkunsidrat :

B’sentenza moghtija fis-7 t’Ottubru 2005 fil-kawza Dr. Joseph M. Pirotta vs Joseph Grima l-Qorti qalet *“illi f’kawza ta’ ingurja d-difiza tal-kumment gust ma tistax tirnexxi meta dak li jinghad ikun semplici inventiva jew abbuz (ma jistax jigi tollerat illi taht il-parvenza ta’ kumment gust il-kumment isir semplici inventiva jew abbuz*.”)

Aktar ricenti ghandha l-kaz tal-Rev. George Aquilina vs Anton F. Attard (Qorti tal-Appell 29.01.2010) fejn qalet fost affarijiet ohra li insulti personali ma jistghu qatt jigu accettati bhala “fair comment”.

Ghalhekk hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-hajja privata ta’ persuna pubblika tista` tigi kkummentata w ikkritikata safejn din il-hajja hija manifestament vizibbli minn barra

minghajr ma tinciedi ffuq il-hajja personali u intima tal-istess persuna pubblika, sakemm din il-hajja privata ma tincedix direttament u negattivament fuq il-funzjoni pubblika tal-istess persuna.

Ghalhekk meta persuna pubblika jkollha dar illi hija f’qasam residenzjali tal-Gvern li tispikka fost l-istess djar residenzjali fil-kobor, fit-tul u fl-gholi taghha dina ma tibqax aktar fir-relm privat izda kulhadd ghandu dritt jaghti l-opinjoni tieghu kif u ghaliex din il-persuna pubblika qeghda f’dak l-istat, u hemm dritt illi jsiru domandi dwar il-legittimita` o meno ta’ dak l-akkwist.

L-istess jinghad ghal qsari li tpoggew f’ambjent pubbliku mill-kwerelant li jistghu ma joghgbux lil kulhadd u ma hemm xejn hazin illi wiehed jikritika l-imgieba tal-kwerelant fil-konfront ta’ dawn il-qsari u r-relazzjoni illi huwa ghandu mas-Sindku tal-Kalkara.

Ma hemmx dubju illi l-fatti reklamati mill-appellant huma vera. Ma giex diskuss jew mess in dubju illi l-kwerelant verament ghandu dar li tispikka fl-gholi u fil-kobor f’qasam residenzjali tal-Gvern fejn normalment l-ambjent ikun wiehed spartan u kontenut.

Lanqas ma hu kontestat illi l-kwerelant hareg ammont kbir ta’ qsari barra d-dar tieghu u f’ambjenti komuni ta’ dan il-qasam residenzjali u lanqas ma hu kontestat illi l-kwerelant jigi prim kugin ma’ l-allura Sindku tal-Kalkara Michael Cohen.

La dawn il-fatti huma vera w la l-kummenti baqghu limitati fl-ambitu tal-kriterju fuq imsemmi allura din il-Qorti ma tara xejn hazin fl-agir tal-kwerelant.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tilqa` l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-kwerelant mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tordna li jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------